# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 22 ta' Gunju, 2001.**

**Numru 35**

**Citaz. Nru. 927/01GV**

**Giovanni Schembri Limited**

**vs**

**Country Style (Malta) Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' Lm2,755.43 (elfejn, seba' mija u hamsa u hamsin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu) rappresentanti somma bilancjali dovuta ghall-merkanzija konsistenti f'affarijiet tal-ikel mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta (*statements* annessi dok. B u dok. C);

Premess illi s-socjeta' konvenuta ghad li giet interpellata sabiex thallas dan l-ammont baqghet inadempjenti;

Premess ukoll illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur ta' artikoli 167-170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, u l-istanti nomine qed jannetti ma dan l-att affidavit (Dok. A) a tenur ta' l-istess artikoli tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti, b'dispensa ghas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167 - 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' Lm2,755.43 (elfejn, seba' mija u hamsa u hamsin lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu) rappresentanti somma bilancjali dovuta ghall-merkanzija konsistenti f'affarijiet tal-ikel mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, tal-ittra ufficjali tas-6 ta' April, 2001 u bl-imghax legali mit-3 ta' Novembru, 2000 data ta' l-ahhar konsenja kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqet kontumaci;

Semghet l-avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**